MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-16 ta' Gunju, 2003

Citazzjoni Numru. 612/1991/1

**John Scicluna, bhala 'chairman', ghan-nom u in rapprezentanza tal-Korporazzjoni Telemalta;**
**U b'nota tas-16 ta' Gunju 1992 l-Avukat Dottor Richard Galea Debono assuma l-atti tal-kawza minflok John Scicluna u dana in rapprezentanza tal-Korporazzjoni Telemalta;**
**U b'digriet tal-Qorti tat-28 ta' April 1998, is-socjeta` Maltacom p.l.c. assumiet l-atti tal-kawza**

***Vs***

**Joseph Vella**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attur *nomine* premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi skond ir-regolamenti vigenti u l-ftehim ezistenti bejn il-partijiet il-konvenut Vella ghandu jaghti lill-attur *nomine* is-somma ta’ Lm2560.67,0 (elfejn hames mija u sittin lira maltin, sebgha u sittin centezmu) liema ammont huwa dovut in konnessjoni mas-servizz tat-telefon bin-numru 410616 liema servizz kien stallat fil-fond Brian’s Garage, Labour Avenue, Naxxar u kien jikkonsisti tali servizz fil-kera, telefonati lokali, spejjez ta’ ittra ufficjali u telefonati ghal barra;

Premess illi l-istanti *nomine* diversi nterpella lill-konvenut Vella izda dan baqgha inadempjenti;

Talab ghalhekk l-attur *nomine* lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur *nomine* s-somma ta’ Lm2560.67,0 (elfejn hames mija u sittin lira Maltin, sebgha u sittin centezmu) dovuti ghall-kera, telefonati lokali u ittra ufficcjali u telefonati ghal barra relattivament ghas-servizz tat-telefon bin-numru 410616 li l-attur *nomine* fuq talba tal-konvenut kien stalla fil-fond Brian’s Garage, Labour Avenue, Naxxar;

Bl-ispejjez tal-prezenti u bl-imghax legali kontra l-konvenut Vella;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess attur *nomine* u l-lista tax-xhieda minnu indikati flimkien ma’ l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut illi permezz taghha huwa eccepixxa:-

1. Illi l-ammont pretiz huwa ezorbitanti u skorrett u b’ebda mod ma jirrifletti ma’ l-ammont reali li l-konvenut ghamel mis-servizz telefoniku;

2. Illi mhux minnu illi l-konvenut ghamel dawk is-sejhiet allegati mill-attur *nomine*. Fil-fatt huwa ghamel uzu

normali u dan il-fatt huwa ampjament dokumentat permezz ta' dokumentazzjoni, li tidher li giet injorata mill-attur *nomine*;

3. Illi ghaldaqstant it-talbiet ta' l-attur ghandhom jigu michuda bl-ispejjez;

Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenut u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat id-digriet tat-3 ta' Dicembru 1992 li permezz tieghu gew nominati bhala esperti gudizzjarji Dr. Marco Grixti u John Gusman biex ifittxu u jirrelataw dwar il-fondatezza tad-domandi attrici, wara li jiehdu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet, u jaghmlu l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Rat ukoll id-digriet ta' l-4 ta' Lulju 1997 li bih gie sospiz l-inkarigu tal-perit tekniku John Gusman, u l-perit legali Dr. Marco Grixti gie awtorizzat biex jirrelata;

Rat ir-relazzjoni ta' l-imsemmi perit legali li tinsab a fol. 79 *et sequitur* tal-process u li giet minnu debitament konfermata fl-udjenza tat-8 ta' Lulju 1998;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:-

Din hi kawza li s-soluzzjoni taghha hi biss wahda purament fattwali dipendenti minn apprezzament tal-provi;

Is-socjeta` attrici qed tippretendi li l-konvenut hu tenut ihallasha l-ammont ta' elfejn hames mija u sittin lira Maltija, sebgha u sittin centezmu (Lm2560.67,0) ghal sejhiet li saru permezz tat-telephone numru 410616 li

tieghu, skond id-dokument a fol. 5, il-konvenut huwa l-abbonat registrat;

Il-konvenut jiddefendi ruhu billi jsostni li l-ammont reklamat hu wiehed ezorbitanti;

Mill-ftit provi rakkolti jirrizulta li t-telephone in kwestjoni kien jintuza l-aktar minn Anthony Bartolo, ir-ragel ta' oht il-konvenut;

Meta xehed, Anthony Bartolo (fol. 25) stqarr dan:-

I. Hu kien beda jaghmel uzu mit-telephone imsemmi minn Jannar 1987. Aktar tard f'seduta sussegwenti (fol. 32) jikkorregi ruhu u jistqarr li beda juzah ghall-ahhar tas-sena 1987;

II. In-negozju tieghu kien fl-*import-export* ta' prodotti ta' *spare parts* ghal karozzi u trukkijiet. Barra minn dan kien jiehu hsieb jikkonduci wkoll xoghol ghal kumpanija Ingliza;

III. Jghid li kien jaghmel telefonati ghal barra partikolarment il-Libja u l-Ingilterra. Okkazjonalment ukoll f'pajjizi ohra Ewropej bhal Franza u l-Italja;

IV. Jghid ukoll illi hu kien kiteb lill-kumpanija attrici dwar allegat *tampering* tal-apparat ghax skond hu kien jisma' certi hsejjes provenjenti mis-sett u l-fili tieghu;

Intqal ukoll illi l-accertamenti li saru taw rizultat negattiv, u skond il-konvenut (fol. 18) meta tqieghed taht osservazzjoni ghal xi zmien biex jigi verifikat l-ilment tieghu, irrizulta li l-*calls* kienu jirrispekkjaw dawk li effettivament kienu saru;

Jirrizulta wkoll minn dak mistqarr minn Anthony Bartolo illi l-konvenut ukoll li kien fin-negozju ta' l-immobbli, kien jaghmel uzu mill-istess telephone pero` sa fejn jaf hu dan ma kienx jaghmel "*overseas calls*";

L-istess Anthony Bartolo jghid li kien izomm notament tas-sejhiet li kien jaghmel. B'danakollu ghalkemm obbliga ruhu li jesebixxi n-*note book* li jghid li kien izomm dan l-esebit baqa' ma sarx;

Minn dawn il-provi l-apprezzament li ghamel il-perit legali u l-konkluzjoni raggunta minnu fir-relazzjoni peritali (fol. 81) ma setghax ikollhom ezitu divers minn dak stabbilit;

Is-socjeta` attrici pprovat permezz ta' dokumenti minnha esebiti (fol. 7 u 8) illi l-*calls* saru u li l-ammont pretiz kien ghadu dovut. Ara deposizzjoni ta' Saviour Farrugia (fol. 15);

Minn naha l-ohra l-konvenut ma ddisimpenjax ruhu mill-oneru li jipprova l-allegazzjoni u difiza tieghu illi l-kont kien eccessiv. F'kaz bhal dan il-piz tal-prova ghadda ghal fuqu gjaladarba s-socjeta` attrici rnexxielha tistabbilixxi fatti li juri *prima facie* li t-tezi taghha kienet sostenuta. Il-konvenut ma jistax jippretendi illi l-Qorti ghandha tikkuntenta ruhha fuq is-semplici kontestazzjoni tieghu li l-kont kien esagerat meta hu ma ghamel xejn aktar biex juri b'mod sodisfacenti li l-allegazzjoni tieghu kienet wahda serja u timmerita debita konsiderazzjoni ghax kienet tirrispekkja l-verita`;

Inoltre ma jistax jinghad li l-konvenut irnexxielu jwassal il-posizzjoni difensjonali tieghu sal-punt rikjest illi ggieghel lill-Qorti tikkonsidra r-regola *in dubio pro reo*;

Jidher ghalhekk li kienet f'waqtha l-osservazzjoni tal-perit legali illi tenut rigward tal-provi u tac-cirkostanzi kollha l-konvenut ma rnexxielux konkludentement u b'mod konvincenti juri li kien hemm xi haga hazina fit-telephone in kwistjoni jew li l-kontijiet ma kienux jirrispekkjaw in-numru ta' *calls* li saru fuq firxa ta' sentejn u nofs;

Anzi l-probabilita` hi li dawn il-*calls* veru saru, saru mit-telephone *de quo*, u finalment li saru mill-konvenut jew minn silfu Anthony Bartolo;

Kif jinsab kostantement ritenut fil-kamp civili l-gudikant irid jiddeciedi fuq il-provi li jkollu quddiemu meta dawn jinducu fih dik ic-certezza morali li kull tribunal ghandu jfittex bhala li hija bazata fuq il-preponderanza tal-probabilitajiet (**Vol. XXXVI P I p 319**);

Fic-cirkostanzi din il-Qorti ma jibqalha l-ebda triq hlief li ssostni t-talba attrici billi minn imkien mill-provi ma jista' jinghad li din giet imxellfa jew skossata bi prova kuntrarja.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi takkolji d-domanda attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' elfejn hames mija u sittin lira Maltija, sebgha u sittin centezmu (Lm2560.67,0) dovuti ghal kera, telefonati lokali u ghal barra riferibilment ghas-servizz tat-telephone numru 410616. Fuq dan l-ammont jithallsu interessi mid-data tan-notifika tac-citazzjoni (28 ta' Gunju 1992).

L-ispejjez tal-kawza jibqghu a karigu tal-konvenut.

--------------------------------TMIEM--------------------------------